IL-FJAMMA

Parroċċa San Ġwann Tas-Salib Ta' Xbiex

OTTUBRU 2005



Parrocca San Gwann Tas-Salib, Triq , Ta' Xbiex. Tel: 21332280, 21317001 (Kappillan)

Idħol fil-Website tagħna:

www.stjohnofthecross.net

# MIS-SINODU...

**Is-Sinodu... Mela dak għadu sejjer, xi uħud jistaqsu żgur. Iva, is-Sinodu kompla anki fil-parroċċa tagħna.**

Din is-sena f'Mejju saru laqgħat għal dawk li huma fil-Kummissjoni Implementazzjoni Sinodu (KIS) ta' diversi parroċċi fiċ-Ċentru Pastorali ta' San Ġwann. Dawn il-parroċċi kienu jinkludu 'l Ta' Xbiex kif ukoll il-parroċċi fl-Unita' tagħna, jiġifieri l-Unita' 9. Tkellimna dwar l-esperjenzi ta' kif qed jiġi mplimentat s-Sinodu fil-parroċċi tagħna.

*...ikompli f'paġna 4*

F'din in-newsletter:

2..l-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan / Il-Leġjun ta' Marija
3..Moviment Marjan/Youth Mass f'Ta' Xbiex!
4..Djaru Ottubru/Mis-Sinodu

# Leħen L-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan

**Min huma l-imseħbin fl-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan?**

**Ir-risposta nsibuha fil-Kostituzzjoni li tirregola l-Ordni Sekular: 'Il-membri huma membri tal-Knisja (Insara) imseħbin biex igħixu "f'ubbidjenza lejn Ġesu' Kristu" permezz ta' "ħbiberija ma' Dak li nafu li jħobbna" fil-qadi tal-Knisja.**

Taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Karmnu, u mnebbħin minn Santa Tereża ta' Ġesu' u San Ġwann tas-Salib u t-tradizzjoni biblika tal-Profeta Elija, huma jfittxu u jipprofondixxu l-impenn nisrani li rċevew fil-magħmudija."

Minn dan jidher li l-membru ta' l-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan m'għandu xejn aktar minn kull nisrani awtentiku. Id-differenza tinsab fil-għazla tat-triq li wieħed jieħu biex jasal u jilħaq l-għan li għaliħ kien imsejjaħ u li wiegħed li jilħaq fil-Magħmudija. Aktarx li n-nisrani maqtugħ għaliħ waħdu, jbati ħafna u jaħli ħafna enerġija sakemm forsi jasal għal dik il-qdusija mistennija minnu minn Ġesu' Kristu.

Fl-ordinijiet reliġjużi li magħhom huma marbutin l-ordinijiet tas-sekulari, nsibu minjiera ta' spiritwalita' kif prattikata mill-qaddisin tagħhom. Dan il-ġid spiritwali flimkien ma' l-għajnuna ta' l-imsieħba l-oħra u ta' l-Assistenti spiritwali (saċerdoti reliġjużi) jressquna aktar malajr lejn il-perfezzjoni.

Il-Kariżma li tgħażel Karmelitan Tereżjan minn oħrajn hija t-talb, speċjalment dak kontemplattiv li jwassal għall-Intimita' ma' Alla. Meta xi persuna tħoss is-sejħa (il-vokazzjoni) biex tingħaqad mal-komunita' tal-Ordni Sekulari Karmelitan Tereżjan, tkun trid għall-ewwel tattendi għallinqas sitt xhur ta' laqgħat tal-komunita' li jinżammu kull xahar, fl-aħħar Ħamis tax-xahar, f'waħda mis-swali tal-kunvent tal-patrijiet Tereżjani, Ta' Xbiex.

Fis-sajf il-laqgħat, li jdumu madwar siegħa, jinżammu fis-6.30pm. Fix-xitwa l-ħin ikun fl-4.30pm.

Min hu interessat u jixtieq aktar informazzjoni jista' jikkuntattja lill-Assistent spiritwali jew il-President tal-komunita' f'waħda mill-laqgħat ta' kull xahar.

# Il-Leġjun ta' Marija

**Kull min jattendi għall-quddiesa tas-sitta ta' filgħaxija nhar ta' Erbgħa, bil-fors jinnota numru sabiħ ta' individwi telgħin ġos-sagristija għall-laqgħa tal-Leġjun ta' Marija. Dawn huma l-membri tal-Praesidium, Marija Immakulata u jqisu ruħhom ipprivileġġjati li kienu msejħin biex jaħdmu f'din l-armata tal-Verġni Marija. Kull Leġjunarju għandu dmir li jirbaħ l-erwieħ u jressaqhom lejn Gesu', waqt li fl-istess ħin ikompli jifforma ruħu permezz ta' Marija lejn Binha Divin.**

Waqt il-laqgħa, li tieħu bejn siegħa u kwart u siegħa u nofs, jintqal ir-rużarju, tinqara xi silta spiritwali li mbagħad tiġi spjegata minn Patri Alfred Debono li hu d-Direttur Spiritwali tal-fergħa tagħna f'Ta'Xbiex. Jiġi wkoll rrapportat x-xogħol ta' Appostolat li kull Leġjunarju Attiiv irid iwettaq kull ġimgħa. Ix-xogħol jinkludi viżti fid-djar tal-parrocca bl-iskop li nħeġġu għas-Sagramenti u nevanġelizzaw. Nzuru wkoll il-morda fl-Isptarijiet u l-anzjani u fl-istess ħin nippruvaw nkunu xhieda bl-ezempju ta' ħajjitna. Għandna membru li jmur fuq il-vapuri li jkunu fil-port u jorganizza, flimkien ma' sacerdot, Quddiesa abbord. Nieħdu ħsieb li jintqal ir-ruzarju fil-knisja kuljum u din is-sena, minħabba li ġiet iddikjarata sena Ewkaristika, qed norganizzaw siegħa adorazzjoni kull xahar. Kull l-ewwel Tlieta tax-xahar qed jintqal Ruzarju fil-beraħ.

Il-Leġjun ta' Marija, jorganizza laqgħat għaż-żagħżagħ. Hija drawwa li nersqu lejn il-familji ta' tfal li jkunu kemm ircevew

*... ikompli f'pagna 3*

# X'INHU Ċ-ĊENAKLU TAL-MOVIMENT MARJAN?

**Il-Moviment Marjan huwa "moviment", "spirtu", mhuwiex għaqda li għandha president, secretarji, laqgħat, eċċ. Iżda hemm qassisin li jieħdu ħsieb iċ-ċentri reġjunali u nazzjonali, kif ukoll dawk li jorganizzaw iċ-ċenakli reġjunali.**

Don Stefano Gobbi hu magħruf bħala strument magħżul mill-Madonna. Don Gobbi kien ġie Malta mill-25 ta' Novembru sat-28 ta' Novembru 1999. Don Stefano Gobbi jirċievi messaġġi mill-Madonna, fil-forma ta' Lokuzzjonijiet. Il-Madonna talbitu biex jibdew jiġu organizzati madwar id-dinja kollha. Il-messaġġi inġabru fi ktieb u jinqraw waqt iċ-ċenakli. Verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Malti jeżistu u jistgħu jinkisbu billi jiġu bbukkjati mill-organizzaturi taċ-ċenaklu. Il-ktieb għandu l-Imprimatur u l-qari tiegħu ġie irrikmandat mill-Arċisqof Emeritus ta' Guyaguil Amministratur Apostoliku ta' Ibarra u mill-Isqof Michael Smith, Isqof ta' Meath.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien ħa sehem f'ċenaklu li nżamm fil-Vatikan fid-19 ta' Diċembru 1994 fl-anniversarju ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. F'din l-okkażjoni Don Stefano Gobbi ikkonċelebra mal-Papa u ma qassisin oħrajn fil-kappella privata tal-Papa. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien iħajjar ħafna biex jorganizzaw iċ-ċenakli.

Minn Diċembru 1999 bħala l-Grupp Ċenaklu Ta' Xbiex u l-Moviment Marjan bdejna norganizzaw iċ-ċenakli fil-parroċċa ta' Ta' Xbiex, bl-approvazzjoni u l-għajnuna tal-Kappillan Fr Victor Mallia, OCD. Iċ-Ċenaklu Ewkaristiku jinżamm wara l-quddiesa tas-sitta, darba f'xahar, nhar ta' Tlieta. Ikollna Adorazzjoni Ewkaristika, jingħad ir-Ružarju u kull posta tingħad minn persuna differenti. Bejn kull posta titkanta strofa minn xi innu marjan. Il-Kappellan jagħmel ħsieb spiritwali u mbagħad tinqara silta mill-messaġġi tal-ktieb. Inkantaw innijiet ta' tifħir u adorazzjoni; kif ukoll nikkonsagraw ruħna lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Kullħadd hu mistieden biex jattendi. Jekk wieħed ikun irid igħid posta jrid jinfurmana qabel.

F'Malta jinżammu ċenakli oħra fil-Fgura, il-Mosta, il-Ħamrun u f'lokalitajiet oħra. Uħud minnhom jinżammu fid-djar u oħrajn fil-knejjes.

Bħall-Appostli fiċ-ċenaklu ta' Ġerusalemm ninġabru mal-Madonna fiċ-ċenaklu biex nistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuqna. Iċ-ċenaklu jista' jinkludi Quddiesa (fil-knisja biss), innijiet u kant ta' tifħir, benedizzjoni, u talb ieħor. Ejjew mela nimxu wara Ġesu' flimkien ma Marija, u nidħlu fir-refuġju tal-Qalb Immakulata tagħha. Tistgħu tidħlu fil-website tagħna: www.maltanetworkresources.com/mmp

# YOUTH MASS F'TA' XBIEX!

**Minn Ottubru fil-parroċċa tagħna se jkollna Quddiesa għaż-żgħażagħ, maħsuba li ssir darba f'xahar. L-ewwel darba se ssir fit-2 ta' Ottubru fil-11.30am.**

Din se tkun okkażjoni biex iż-żgħażagħ jiċċelebraw flimkien. Se jitħeġġu biex jibdew mixja ta' fidi b'relazzjoni persunali ma' Sidna Ġesu' Kristu. Kulħadd hu mistieden biex jiġi u jesperjenza il-Qawwa u l-Imħabba ta' Kristu permezz tat-tifħir, it-talb, il-Kelma t'Alla u l-Ewkaristija. Din il-Quddiesa se tkun bi stil Kariżmatiku u qed issir bħala implimentazzjoni ta' parti tal-pjan pastorali tal-parroċċa. Fil-quddiesa tat-2 ta' Ottubru, se jmexxi l-kant Andrew Cauchi li hu magħruf għal praise and worship tiegħu.

Ejjew nilqgħu l-istedina li għamlilna l-Papa Benedittu waqt il-Jum Dinji taż-Żgħazagħ 2005 biex isseħħ Pentekoste ġdida u ninfetħu għall-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna. Se ngħinu lill-dawk li jattendu biex jifmhu iżjed xi tfisser il-Quddiesa. Il-Quddiesa hi l-istess Sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib, kif igħidilna l-Katekiżmu tal-Knisja.

***... ikompli f'pagna 4***

..*Youth Mass f'Ta' Xbiex, ikompli minn paġna 3.*

Huwa maħsub li din il-Quddiesa tibda tinżamm regolarment fl-ewwel Ħadd tax-xahar.

Tistgħu ssibu informazzjoni dwar din il-Youth Mass billi tmorru fil-website
http://www.stjohnofthecross.net/youthmass

# DJARJU OTTUBRU

**2** Youth Mass (11.30am, il-Ħadd)
**7** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni organizzata mill-Fergħa Ewkaristika (wara l-quddiesa tas-sitta).
**21** Adorazzjoni organizzata mill-Leġjun ta' Marija (wara l-quddiesa tas-sitta).
**23** Ġurnata Missjunarja. Fr Victor jerġa lura miċ-Ċile.
**25** Adorazzjoni organizzata mill-Apostolat tal-Ħniena Divina u l-Moviment Marjan/Grupp Ċenaklu Ta' Xbiex flimkien. (wara l-quddiesa tas-sitta)
**27** L-ewwel laqgħa ta' l-Assemblea Parrokkjali
**29** Tispiċċa s-Sena Ewkaristika
**31** It-tieni laqgħa ta' l-Assemblea Parrokkjali

*Niżżel dawn id-dati fid-djarju tiegħek. Dati ta' laqgħat oħra ta' talb f'Malta jistgħu jinstabu fuq l-Internet fil-website*
**http://www.catholichealing.com**

..*Il-Leġjun ta' Marija, ikompli minn paġna 2.*

il-Griżma ta' l-Isqof biex nħajruhom jattendu għal dawn il-laqgħat. Kif kullhadd jaf, bejn l-eta' ta' tnax u tmintax il-sena l-bniedem modern irid jagħmel hafna għażliet li jkollhom riperkussjonijiet għal ħajtu kollha. Għalhekk aħna għandna l-għan li nkomplu niffurmaw lil dawn iż-żgħazagħ f'din il-fażi ferm kritika li kull individwu jrid jgħaddi minnha.

***Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil patrijiet Terezjani tal-ospitalita' li urew lill-Leġjun tul is-snin kif ukoll tad-Direzzjoni Spiritwali, imprezzabli, li dejjem sostnew.***

***...MIS-SINODU...** ikompli minn paġna 1*

Għalkemm hemm ħafna affarijiet komuni, stajna naraw kif il-problemi huma differenti ukoll. L-implimentazzjoni tas-Sinodu huwa proċess li jieħu ż-żmien. Issemmew il-valuri tas-Sinodu li kienu l-bażi ta' l-ewwel Pjan Pastorali u tal-Mission Statement li kien sar. Issemma kif l-Istitut ta' Formazzjoni għandu jiftaħ f'Ottubru u jitmexxa minn Fr Fabio Attard sdb. Punt li ssemma minn xi uħud fl-Unita' tagħna kienu li mgħandiex ningħalqu f'niċeċ (eż l-għaqda tagħna tajba biss u xejn iżjed). Dun Anton Portelli spjega li l-KIS qiegħed hemm biex jimplimenta.

Fit-tieni laqgħa tkellimna dwar ir-rwol tal-KIS, speċjalment biex wieħed jara kif qed isir l-implementazzjoni, kemm bħala evalwazzjoni u bħala sapport. Fit-tielet laqgħa semmejt kif imxejna f'Ta' Xbiex, billi nfurmajna l-gruppi, l-għaqdiet u l-parroċċani għall-input tagħhom, u l-Assemblea approvat il-punti kollha tal-Pjan Pastorali għal sentejn. Dun Anton semma li issa nistgħu nagħmlu rtokki lill-Plan skond kif sejrin. Kumment sabiħ minn Fr Ray Toledo għamel kuraġġ lil ħafna. Hu qal li bħala lajċi mgħandiex naqtaw qalbna u l-Ispirtu ta' Kristu jagħtina l-kuraġġ.

Sadanittant fil-parroċċa tagħna rnexxilna bl-għajnuna t'Alla nwettqu xi punti oħra li kienu fil-Pjan, jiġifieri r-Roster tal-Letturi u l-Youth Mass. Nispiċċa dan l-artiklu kif għalaq l-aħħar laqgħa Dun Anton, inkunu posittivi u navdaw f'Alla!

## *GRAZZI LIL DAWK KOLLHA LI TAW IL-KONTRIBUT TAGĦHOM*

